IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**SESSJONI SETTEMBRU 2012**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 5 ta' Settembru 2012 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:45 a.m. |

***Wieġeb it-taqsimiet kollha tal-karta.***
***L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.***

## L-EWWEL TAQSIMA

### Il-Komponiment (25 marka)

**1. Ikteb madwar 400 kelma dwar wieħed minn dawn is-suġġetti:**

a. Il-baħar.

b. It-teknoloġija fil-ħajja tal-lum.

ċ. Esperjenza sabiħa fis-sajf li għadda.

d. Xi jferraħni l-aktar?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## IT-TIENI TAQSIMA

**Fehim it-Test** **(50 marka)**

**Aqra sewwa din is-silta.**

Il-kosta u l-bajjiet tagħna ġralhom bħalma ġralhom it-toroq tagħna qabilhom. Biż-żieda tal-popolazzjoni Maltija u dik turistika f'pajjiżna, u ż-żieda tat-traffiku fit-toroq tagħna, l-inċidenti kulma jmorru qegħdin jiżdiedu. Fil-baħar issa beda jiġri l-istess. Bħalma t-traffiku fuq l-art huwa kkontrollat bir-regolamenti tas-sewqan, hekk ukoll fl-1985 is-sewqan tal-inġenji tal-baħar (id-dgħajjes u l-bqija) beda jiġi kkontrollat bil-liġi. L-inċidenti l-aktar isiru meta dawn ir-regolamenti jiġu abbużati; u abbużi bħal dawn f'Malta jeżistu ħafna, għax sfortunatament m'aħniex poplu li hu dixxiplinat biex josserva l-liġijiet.

Abbużi li wieħed jagħmel bil-libertà kollha jsiru minħabba li fil-bajjiet iffullati tagħna jeżisti nuqqas ta' sorveljanza biex jitrażżnu dawn l-abbużi. Wieħed għalhekk jistenna li f'kull wieħed minn dawn il-postijiet fejn jinġemgħu n-nies, ikun hemm almenu bniedem jew tnejn, ta' awtorità, megħjuna bil-mezzi meħtieġa, biex <u>jieħdu ħsieb iż-żamma tal-liġi</u> f'dawn il-postijiet, kif ukoll iservu tal-ewwel għajnuna f'każijiet ta' emerġenza li jinqalgħu f'postijiet bħal dawn.

Il-poplu jrid ukoll jidra jirribella kontra min jabbuża mil-liġi f'dawn ix-xtajtiet. Jagħmel dan <u>bħala dover ċiviku</u> li jkun iktar jista' jwettqu, kieku fuq il-post ikun hemm għand min jista' jirrapporta. F'dawn l-aħħar għaxar snin Malta rat bidla sħiħa fil-mod li bih qiegħed jgħix il-poplu. Żdied bil-bosta l-aspett rikreattiv li ġab miegħu konġestjoni ta' vetturi fuq l-art u fuq il-baħar, kif ukoll iffullar ta' nies f'postijiet ta' divertiment. Wieħed ma jistax jgħid li saru xogħlijiet infrastrutturali biżżejjed biex ilaħħqu ma' dan l-iżvilupp. Toroq fuq l-art ma sarux biżżejjed għat-traffiku li kiber. Fil-baħar m'hemmx toroq xi jsiru, iżda bħall-problema tal-ipparkjar fuq l-art, fil-baħar teżisti l-problema tal-irmiġġ (post fejn jintrabtu d-dgħajjes). Bini ta' brejkwotrijiet żgħar itaffi sewwa din il-problema, kif ukoll inaqqas il-problema ta' konċentrazzjoni fis-sewqan ta' vetturi tal-baħar.

Biex jitnaqqas l-iffullar tan-nies mill-bajjiet u ċerti postijiet tax-xtajtiet, jinħtieġ li jinbnew postijiet għall-għawm (*lidos*) b'toroq għalihom, u kumditajiet oħra, tul ix-xtajtiet inqas iffrekwentati minħabba l-blat li fihom. Issa spiċċajna li mhux biżżejjed li toqgħod attent għal kull pass li tagħmel fit-toroq tagħna, għax issib ruħek taħt karozza bla ħsieb. Daqshekk ieħor <u>trid iżżomm moħħok dejjem applikat</u> biex tevita li tgħum fejn jgħaddu l-ispidbowts, għax malajr tispiċċa mċarrat b'xi skrun ta' xi waħda minnhom. Anzi fil-baħar agħar milli fl-art. Fil-baħar m'hemmx bankini fejn wieħed iħossu ftit iktar protett.

Il-periklu fil-baħar huwa għalhekk ferm ikbar, speċjalment meta tqis li fil-baħar int bilkemm tkun tista' tiċċaqlaq, waqt li l-ispidbowts huma ħfief fis-sewqan. Barra minn hekk, illum il-bniedem iħares lejn karozza bħala ħaġa meħtieġa u indispensabbli, waqt li jqis opra tal-baħar bħala kapriċċ – mezz ta' divertiment. Wieħed għalhekk jistenna li waqt il-ġenn tad-divertiment, hemm il-probabilità li jsiru ħafna abbużi.

Bi ftit rieda tajba ta' ħarsien bis-serjetà ta' liġi tajba, ta' kostruzzjoni ta' *lidos* pubbliċi tul ix-xtajtiet inqas iffrekwentati tagħna, u ta' brejkwotrijiet, l-iffullar u l-konċentrazzjoni ta' nies u opri tal-baħar fl-ibħra tagħna jistgħu jiġu mnaqqsa ġmielhom. Kieku dan diġà seħħ, fi żmien ġimgħa ma kienx ikun hawn dan l-aħħar, żewġ każi fatali ta' turisti li kienu qegħdin jgħumu!

(Silta adattata mill-esej "*Ommi, Daħal is-Sajf!!*" mill-ktieb <u>Kassjopea</u> ta' M. Mifsud Bonnici)

## 2. Mistoqsijiet (2 marki kull mistoqsija)

**Wieġeb kull mistoqsija FI KLIEMEK. Jitnaqqsu l-marki jekk it-tweġibiet ikunu kkupjati kelma b'kelma mis-silta.**

a. Agħti żewġ raġunijiet li jagħti l-kittieb għaliex f'Malta jsiru inċidenti fuq l-art u fuq il-baħar.
b. Skont il-kittieb, għaliex isiru ċerti abbużi fuq il-bajjiet popolari ta' Malta?
ċ. Mit-tielet paragrafu, x'impressjoni tieħu ta' Malta?
d. X'differenza jara l-kittieb bejn meta wieħed ikun fit-toroq u meta jkun fil-baħar?
e. Għaliex taħseb li l-kittieb qal li "…waqt il-ġenn tad-divertiment, hemm il-probabilità li jsiru ħafna abbużi"? (paragrafu 5)
f. X'taħseb li qanqal lill-kittieb jikteb din is-silta?

## 3. Lessiku / Għarfien tal-lingwa fl-aspetti tagħha

a. Fisser fi kliemek dawn il-kelmiet skont is-sens tas-silta. (6 marki)

i. ... jieħdu ħsieb iż-żamma tal-liġi (paragrafu 2)
ii. ...bħala dover ċiviku (paragrafu 3)
iii. …trid iżżomm moħħok dejjem applikat (paragrafu 4)

b. Liema kelma jew frażi fis-silta għandha din it-tifsira? (6marki)

i. ...inaqqas ħafna (paragrafu 3)
ii. ...ta' bżonn ħafna (paragrafu 5)
iii. ...traġedji li jwasslu għall-mewt (paragrafu 6)

## 4. Lingwa u Grammatika (18-il marka)

a. Aqleb din is-sentenza fis-singular "*…jinqalgħu f'postijiet bħal dawn.*"
b. *Xtajtiet* hija d-diminuttiv ta' liema kelma?
ċ. Agħti l-mamma u l-għerq tal-verb *tgħum.*
d. Sib u ikteb nom fil-plural sħiħ.
e. Nissel nom mill-aġġettiv *protett.*
f. Agħti l-oppost ta' *żdied.*
ġ. Mit-tieni (2) paragrafu sib u ikteb żewġ (2) parteċipji passivi.
g. Agħti l-plural miksur tan-nom *skrun.*
għ. Mit-tielet (3) jew mir-raba' (4) paragrafu sib u ikteb nom verbali.
h. Nissel verb min-nom *divertiment.*
ħ. Nissel aġġettiv minn *periklu.*
i. F'paragrafu erbgħa (4), għal liema kelma qed jirreferi l-pronom mehmuż **'u'** fil-verb iħoss**u** ?
ie. Sib u ikteb prepożizzjoni bl-artiklu.
j. Ikteb fin-negattiv din is-sentenza "...illum il-bniedem iħares lejn karozza bħala ħaġa meħtieġa…"

## 5. Aspett Simboliku (8 marki)

a. Fisser dawn iż-żewġt iqwiel: i) Min imaqdar irid jixtri.

ii) Akbar m'int, akbar hemmek.

b. Ikteb sentenza b'kull waħda minn dawn l-idjomi biex toħroġ it-tifsira tagħhom.

i) jekk Alla jrid.

ii) f'ħakka t'għajn.

# IT-TIELET TAQSIMA

## 6. Wieġeb mistoqsija WAĦDA: (10 marki)

a. Ikteb ittra ta' madwar 100 kelma lis-sindku tal-lokalità tiegħek, biex tifraħlu tal-inizjattiva li qiegħed jieħu l-Kunsill Lokali dwar il-ġbir u l-għażla tal-iskart fir-raħal/Belt tiegħek. (Ivvinta l-indirizzi int, kemm tal-Kunsill Lokali kif ukoll tiegħek).

**JEW**

b. Ikteb rapport ta' madwar 100 kelma għal gazzetta fuq it-tisbiħ li wieħed josserva fir-*roundabouts* ta' diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI SETTEMBRU 2012

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II B |
| DATA: | 5 ta' Settembru 2012 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

Wieġeb **erba'** mistoqsijiet:

- **tnejn** mill-Ewwel Taqsima – *Ir-Referenza għall-Kuntest* – (poeżija **waħda** minn 1 u 2, u proża **waħda** minn 3 u 4),

U

- **tnejn** mit-Tieni Taqsima – *Il-Komponiment Letterarju* – (komponiment **wieħed** minn kull sezzjoni ta' din it-taqsima).

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA:
## Taqsima Poeżija
## Ir-Referenza għall-Kuntest:
## Tema: *Karattri*

Agħżel poeżija **WAĦDA** minn poeżija 1 jew poeżija 2:

**1. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

***Qasba,*** Mario Azzopardi

Hemm dil-qasba donnha xi armla
titlob solitarja
fil-ġnien xott fejn mank baqa' sardinella
waħda trejjex. Hemm dil-qasba
qed tfittex b'ħarsa lejn is-sema.

Fis-setaħ tlettax-il żerriegħa
li qatt ma waqgħu fil-ħamrija.
Donnhom żibeġ ta' kuruna maqtugħa.
Għax ħadd m'għadu jitlob.

Il-qasba biss qed tħares lejn is-sema,
tistenna jiġri xi ħaġ'oħra.

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din il-poeżija. 3 marki

b. (i) Il-qasba lil min tirrappreżenta fil-poeżija? marka
(ii) Semmi żewġ raġunijiet għaliex jixxiebhu. 2 marki

ċ. X'metrika jħaddem il-poeta f'din il-poeżija? 3 marki

d. (i) X'inhi l-figura tat-taħdit f' *"...donnha xi armla titlob solitarja"*? marka
(ii) Ikteb xi jrid ifisser il-poeta b'din il-figura tat-taħdit. 2 marki

e. (i) Sib u ikteb vers mit-tieni strofa li juri li l-kuntatt ma' Alla huwa maqtugħ. marka
(ii) Għaliex il-poeta qed jagħmel dan ix-xebh? 2 marki

**JEW**

**2. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

***Mananni***, Ġorġ Pisani

Għad-dell tal-bugonvilla,
fil-bitħa kollha ħdura,
fejn ma taħkimx tax-xemx il-qilla,
Mananni
tgħanni
u ċċekċek iċ-ċombini tal-bizzilla.

Fuq wiċċ it-trajbu tagħha
toħloq il-ġmiel ta' moski, ward u slaleb,
kultant ukoll xi stilla.
U hekk it-tvalja wiesgħa
minsuġa moski u fjuri,
tiżdied u tikber dejjem
sabiex fl-aħħar tinfirex
fuq l-imwejjed tal-kawba tas-sinjuri.

U taħseb, waqt ix-xogħ'l, Mananni taħseb
fl-ikel magħżul u bnin, imħawwar sewwa,
li, ġo platti tal-fidda,
ġurnata għad jitqiegħed
fuq wiċċ it-tvalja tagħha.
U l-ħsieb tal-ikel sħun u tal-inbid
jiftħilha dlonk l-aptit.

Għalhekk Mananni tidħol ġewwa
sabiex titrejjaq ftit
b'nofs ħobża tal-maħlut, biż-żejt miksija,
tadam bżenguli
u ġbejna tal-bżar Għawdxija.

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din il-poeżija. 3 marki

b. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. 3 marki

ċ. Fisser kif din il-poeżija turina li fid-dinja kulħadd bżonn xulxin. 3 marki

d. Ġorġ Pisani kif ifisser is-sempliċità tal-ħajja li kienet tgħix Mananni? 3 marki

e. Minn dak li naqraw fil-poeżija, kif nistgħu niddeskrivu l-karattru ta' Mananni? 3 marki

**Taqsima Proża**
**Ir-Referenza għall-Kuntest:**
**Tema:** ***Karattri***

Agħżel silta ta' **WAĦDA** mis-silta ta' proża 3 jew mis-silta ta' proża 4:

**3. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

*Silta minn* ***Dak it-Taraġ***, Charles Flores

[ …. ]

It-taraġ sar is-suġġett ewlieni fit-taħditiet ta' kuljum bejn naxra u oħra.

"Imissna nistħu b'dat-taraġ! Għax ma niftehmux u nibdew inġibu tfajla taħsilhulna?" Marija kienet imdorrija tieħu l-inizjattiva f'affarijiet bħal dawn.

"U min se jiġik biex jaħsel daqstant taraġ," weġbitha Ġemma, il-ġara li kienu jgħidu li kienet tgħajjen.

"Uuu, oħti Rita tiġi żgur. Niġbrulha ħamsin ċenteżmu bejn kulħadd u nerġgħu naraw ftit tan-nadif."

"Rita liema waħda hi? Iż-żgħira jew tan-nofs?"

"Iż-żgħira. M'hemmx li ssib taħdem miskina. Dik anke s-sekondarja għamlet, tafx. Għandek tgħid, u tal-partit l-ieħor isibu kemm iridu impjiegi fil-fabbriki."

"U le, titkellimx hekk. Għax ma tgħidx li llum il-kompetizzjoni kbira wisq? Allura taħseb li tiġina Rita?"

"Tiġi żgur. Diġà għandha xi żewġt idjar oħra fir-raħal. U taħdem bil-għaqal ħafna. Mhux se tiġi ddellek."

"Tajjeb. Mela ngħidu lill-oħrajn."

Il-ftehim siewi li ntlaħaq bejn Marija u Ġemma ma kienx faċli biex jitwassal għand il-bqija tal-ġirien. Waħda qalet li hi ma kellhiex għalfejn toħroġ flus, għax il-parti tagħha fit-taraġ kienet ilha taħsilha u ma kellhiex il-ħsieb li tieqaf.

Oħra ħasset li ħamsin ċenteżmu kienu wisq għal nofs siegħa xogħol. Ta' mneħirhom imxammar lanqas biss tawhom ċans ikellmuhom...u l-aktar partijiet maħmuġin fit-taraġ kienu tagħhom.

"X'se nagħmlu?" staqsiet Ġemma waqt li Marija kienet għadha kemm irrakkontatilha l-istorja tal-ġlied bejn il-koppja tal-flats ta' quddiemhom.

"Eqq, m'hemm xejn x'nagħmlu. Inkellmu lil Caroline. Dik tkellem lil kulħadd u kulħadd ikellimha. Naħseb jekk tgħidilhom hi, jitħajru."

Caroline kienet ilha tosserva l-ħmieġ jinġabar fit-taraġ u l-kallu jikber mal-ħitan. Lil Fredu ħajritu jaqbad pinzell biex ibajjad il-parti tagħhom, iżda qatgħalha fil-qasir.

"X'jiswa li nbajjad il-parti tagħna jekk biex jaslu għandna n-nies iridu jgħaddu minn dik il-mandra?"

Kellu raġun. Għalhekk Caroline ħadet ħsieb twassal il-pjan ta' Marija u Ġemma għand l-oħrajn. Oħroġ il-għaġeb, ħadd ma qal 'le'. Fi ftit ġranet Rita kienet diġà ġiet u bdiet taqla' dawk il-ħamsin ċenteżmu. Dan is-sodisfazzjon wassal biex intlaħaq ftehim ukoll dwar il-ħitan. Ġabu ħaddiem mir-raħal u dan malajr dar dawra mal-ħitan. [ …. ]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta ta' proża. 4 marki

b. Sib u ikteb sentenzi jew frażijiet mis-silta li juru dan li ġej:
(i) Marija kienet toħroġ b'ideat;
(ii) Lil Ġemma kienu jaħarbuha;
(iii) Rita kienet taħsel tajjeb. 3 marki

ċ. Ikteb żewġ raġunijiet kif nafu li kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-karattri li kienu joqogħdu fil-flats. 4 marki

d. Minn dak li naqraw f'din is-silta xi nsiru nafu dwar il-karattru ta' Caroline? 4 marki

**JEW**

**4. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

*Silta minn* ***Il-Ġlieda***, Wistin Born

[ …. ]

Fl-aħħar Ċikka daħlet ukoll, u Gerit warrbet minn ħdejn it-tieqa. Xogħol ma setgħet tagħmel xejn. Malli marritilha s-saħna bdiet titħasseb u tibża', u ħassitha daqslikieku kienet qatlet. Meta rat li ma setgħet tagħmel xejn, niżlet fil-kċina u marret bil-qajla ħdejn Karmni. Din kienet qiegħda tħawwad il-borma u tgerger weħidha, u xejn ma ntebħet li Gerit kienet daħlet hemm ġew tħares lejha bħal kelb mismut. Meta dawret wiċċha u lemħitha, qagħdet tħares ftit lejha u mbagħad qaltilha:

"Imma kemm beħsiebek iddum belha, Gerit! Issa ma tarax li m'għandekx xi tridha lil Ċikka? Anqas ħaqq in-nies li ġibt wara l-bieb tas-Sur Pawl. Jien, ngħid għalija, ma naf xejn x'ġara, għax ili li tgħallimt li min jidħol bejn il-basla u qoxritha jibqa' b'riħitha, imma l-għajjat smajtu sew. Li kieku kont xi tifla żgħira kont ngħid...imma llum int għoddok xjaħt, bħali..."

Gerit ma kenitx tistenna ħasla bħal din. Hija xtaqet li ssib lil xi ħadd li jfarraġha u jżomm magħha. Ħabtet donnha sejra tibki, u mesħet demgħa bit-tarf tal-fardal.

"Mhux sewwa, Karm, ma żżommx miegħi...inti qatt ma żżomm miegħi ... . Mur aqbeż għalik u ġġieled minħabba fik kif għamilt. Allaħares taf x'qaltli fuqek, għax kieku tmur tagħmel agħar milli għamilt jien."

"U ħallihom jgħidu li jridu fuqi!" qalet Karmni, fil-ħin li għolliet idha 'l fuq bħal waħda li xejn ma jkiddha minn dak li jgħidu n-nies: "Jien fija ħadd ma jista' jgħid xejn, għax dejjem hawn ġew."

"U jien mhux bħalek dejjem?" qabżet Gerit. "Jien dejjem magħluqa u ma f'għajni minn ħadd, imma n-nies ma jħallukx."

"U x'ma jħallukx, Gerit ... Int, jaħasra, il-għali tixtrih, u qatt ma ridt tisma' minni!"

"Isma' xi tgħidlek l-oħra. Hekk irid jisimgħek tgħid is-Sur Pawl. Kulħadd jobgħodni lili."

Meta rat li Gerit trid taqbad magħha, tatha daharha u kompliet issajjar, u Gerit, kif rat li għaliha ma kienx hemm kliem, qabdet il-bieb u marret tara x'tagħmel. [ ... ]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta ta' proża. 4 marki

b. (i) Sib similitudni mill-ewwel paragrafu. marka
(ii) Ikteb x'effett joħloq il-kittieb b'din is-similitudni. 3 marki

ċ. Xi trid tfisser Karmni meta lil Gerit tgħidilha: *"min jidħol bejn il-basla u qoxritha jibqa' b'riħitha"*? 3 marki

d. Minn dak li naqraw f'din is-silta, semmi xi differenzi li tinnota bejn il-karattru ta' Gerit u l-karattru ta' Karmni. 4 marki

## IT-TIENI TAQSIMA:
## Il-Komponiment Letterarju

35 marka kull waħda

Agħżel mistoqsija **WAĦDA** minn kull sezzjoni ta' din it-taqsima u ikteb komponiment letterarju ta' madwar **200 kelma**.

**Sezzjoni A:**

**5a. Tema: Tifkiriet**

Billi tirreferi għal mill-inqas żewġ poeżiji u/jew żewġ siltiet ta' proża, ikteb dwar it-tifkiriet li għandhom il-poeti ta' tfulithom.

**JEW**

**5b. Tema: Il-Protesta**

Il-bniedem iħoss il-bżonn li jipprotesta meta jara l-inġustizzji madwaru. Ikteb dwar dan billi tirreferi għal mill-inqas żewġ poeżiji u/jew siltiet ta' proża li studjajt fit-tema IL-PROTESTA.

**Sezzjoni B:**

**6a. Tema: Ir-Rispett fil-Familja**

Kif tidher il-figura tal-missier fil-poeżiji u/jew siltiet ta' proża li studjajt fit-tema IR-RISPETT FIL-FAMILJA?

**JEW**

**6b. Tema: Ġrajja u Identità**

Tul l-istorja, il-poplu Malti dejjem kellu jiġġieled biex jiddefendi ruħu kontra l-barrani. Ikteb dwar dan billi tirreferi għal mill-inqas żewġ poeżiji u/jew siltiet ta' proża li studjajt fit-tema ĠRAJJA U IDENTITÀ.